IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.7.2012
COM(2012) 378 final

2012/0183 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## Dwar il-konklużjoni, għan-nom tal-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1) Sfond

Il-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari (Food Aid Convention - FAC 1999) hija ftehim multilaterali li oriġinarjament daħal fis-seħħ fis-sittinijiet bħala strument biex jiġu trasferiti b'mod koordinat u aċċettabbli prodotti agrikoli żejda minn pajjiżi żviluppati lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma fil-bżonn. L-FAC 1999 inizjalment kellha tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2002 u ġiet estiża ħames darbiet, bl-aħħar estensjoni tkun valida sat-30 ta' Ġunju 2012.

Fl-14 ta' Diċembru 2010, il-partijiet għall-FAC 1999 – L-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun, l-Isvizzera, l-Awstralja u l-UE - ftiehmu li jinnegozjaw konvenzjoni ġdida li timmira li tipprovdi għajnuna alimentari xierqa u effettiva lill-popolazzjonijiet vulnerabbli, fuq il-bażi ta' ħtiġijiet identifikati.

Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjoni sottomessa mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari ġdida.

Fil-25 ta' April 2012 in-negozjati ġew mitmuma b'suċċess.

Fl-xxx, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari, suġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard.

## 2) In-natura tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari (FAC 2012)

L-FAC 2012 tirrifletti approċċ modernizzat għall-għajnuna alimentari. Hija timmira li tirrispondi b'mod effettiv u effiċjenti għall-ħtiġijiet alimentari u tan-nutrizzjoni ta' popolazzjonijiet vulnerabbli, u tmur lil hinn mis-sempliċi għoti ta' għajnuna alimentari, f'konformità mal-politika tal-UE dwar l-Għajnuna Alimentari Umanitarja). Elementi ewlenin oħra huma aċċess imtejjeb għal, u konsum ta', ikel adegwat, sikur u nutrittiv fuq il-bażi ta' analiżi xierqa tal-ħtiġijiet, approċċ ibbażat fuq prinċipji (umanitarji) u rispett sħiħ tal-obbligi tad-WTO. Il-Konvenzjoni se tiġi implimentata permezz ta' impenji annwali in natura jew fi flus li għandhom isiru mill-Partijiet.

L-FAC 2012 se tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 2013 jekk, sat-30 ta' Novembru 2012, ħames Firmatarji jkunu rratifikaw il-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni ser tkun miftuħa għall-iffirmar sal-31 ta' Diċembru 2012; se tkun ukoll miftuħa għall-iffirmar u għar-ratifikazzjoni minn Stati Membri individwali fl-UE, li jagħmlu impenji li jiġu direttament mill-baġits rispettivi tagħhom.

X'aktarx ikun hemm perjodu ta' żmien bejn id-data tal-iskadenza tal-FAC 1999 kurrenti (it-30 ta' Ġunju 2012) u d-data probabbli tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari (l-1 ta' Jannar 2013). Il-kwistjoni ta' estensjoni ulterjuri possibbli tal-FAC tal-1999 se tkun indirizzata b'mod formali mill-Kumitat tal-Għajnuna Alimentari fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2012. Proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni, f'isem l-UE, sabiex ma tappoġġjax estensjoni oħra tal-FAC 1999 hija pendenti quddiem il-Kunsill.

## 3) Proċedura

Il-Kummissjoni għalhekk titlob lill-Kunsill biex japprova l-konklużjoni tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari, għan-nom tal-Unjoni Ewropea.

2012/0183 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## Dwar il-konklużjoni, għan-nom tal-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 214(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari 1999 ("FAC 1999"), li ma għandhiex tibqa' fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2012.

(2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXX ta' [...][2], il-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari ġiet iffirmata fil-[…], suġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard.

(3) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tkun Parti għall-Konvenzjoni billi din tgħin biex jinkisbu għanijiet tal-għajnuna umanitarja msemmija fl-Artikolu 214(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari hija hawnhekk approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU L , , p. .

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-impenn annwali li għandu jsir għan-nom tal-Unjoni skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tikkomunika dan l-impenn lis-Segretarjat tal-Kumitat.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapporti annwali u tipparteċipa fi skambju ta' informazzjoni għan-nom tal-Unjoni skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna awtorizzata li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, bid-depożitu tal-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 12 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Konvenzjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha[3].

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[3] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

## ANNESS

## KONVENZJONI DWAR L-GĦAJNUNA ALIMENTARI

## PREAMBOLU

Il-Partijiet għall-Konvenzjoni,

Jikkonfermaw l-impenn tagħhom għall-għanijiet li għadhom validi tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari, 1999, biex jingħata kontribut għas-sigurtà alimentari fid-dinja u titjieb l-abilità tal-komunità internazzjonali biex tirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza alimentari u bżonnijiet oħra alimentari tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Bil-għan li jtejbu l-effikaċja, l-effiċjenza, u l-kwalità tal-għajnuna alimentari fil-preżervazzjoni tal-ħajjiet u t-tnaqqas tat-tbatija tal-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni internazzjonali, partikolarment fost il-Partijiet u l-partijiet interessati;

Filwaqt li jirrikonoxxu li popolazzjonijiet vulnerabbli għandhom ħtiġijiet alimentari u tan-nutrizzjoni partikolari;

Filwaqt li jaffermaw li l-Istati għandhom ir-responsabbiltà primarja tas-sigurtà alimentari nazzjonali tagħhom stess, u għaldaqstant għat-twettiq progressiv tad-dritt għal ikel adegwat kif stabbilit fil-Linja Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (l-FAO) għall-appoġġ tar-Realizzazzjoni Progressiva tad-Dritt għall-Alimentazzjoni Adegwata fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali adottati mill-Kunsill tal-FAO f'Novembru 2004;

Filwaqt li jinkoraġġixxu lill-gvernijiet ta' pajjiżi li jbatu minn nuqqas ta' sigurtà alimentari biex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji li jkunu responsabbli għalihom huma stess u li jindirizzaw il-kawżi bażilari tan-nuqqas ta' sigurtà fl-ikel permezz ta' miżuri fit-tul, u li jiżguraw rabtiet xierqa bejn l-attivitajiet ta' għajnuna, ta' rkupru u ta' żvilupp;

Filwaqt li jirreferu għal-liġi umanitarja internazzjonali u l-prinċipji umanitarji fundamentali tal-umanità, l-imparzjalità, in-newtralità u l-indipendenza;

Filwaqt li jirreferu għall-Prinċipji u l-Prattika Tajba għad-Donaturi Umanitarji, approvati fi Stokkolma fis-17 ta' Ġunju 2003;

Filwaqt li jirrikonoxxu li l-Partijiet għandhom il-politiki tagħhom stess relatati mal-għoti tal-għajnuna alimentari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u f'dawk li mhumiex;

Filwaqt li jqisu l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Samit Mondjali tal-Ikel adottat f'Ruma fl-1996, kif ukoll il-Ħames Prinċipji ta' Ruma għas-Sigurtà Alimentari Globali Sostenibbli identifikati fid-dikjarazzjoni tas-Samit Dinji dwar is-Sigurtà Alimentari tal-2009, b'mod partikolari l-impenn biex tinkiseb is-sigurtà alimentari fil-pajjiżi kollha u l-isforz li jinsab għaddej biex jitnaqqas il-faqar u jinqered il-ġuħ li kien imseddaq mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fid-Dikjarazzjoni tal-Millenju tan-Nazzjonijiet Uniti;

Filwaqt li jqisu l-impenji magħmula minn pajjiżi donaturi u riċevituri biex itejbu l-effikaċja tal-għajnuna għall-iżvilupp billi japplikaw il-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Parigi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) adottata fl-2005;

Determinati li jaġixxu skont l-obbligi tagħhom tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'mod partikolari d-dixxiplini kollha tad-WTO dwar l-għajnuna alimentari;

Ftiehmu kif ġej:

**Artikolu 1**

**Għanijiet**

L-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni huma li ssalva l-ħajjiet, tnaqqas il-ġuħ, ittejjeb is-sigurtà alimentari, u ttejjeb l-istatus nutrittiv tal-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli billi:

(a) tindirizza l-ħtiġijiet alimentari u tan-nutrizzjoni tal-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli permezz ta' impenji magħmula mill-partijiet sabiex jipprovdu għajnuna alimentari li ttejjeb l-aċċess għal ikel adegwat, sikur u nutrittiv, u l-konsum tiegħu;

(b) tiżgura li l-għajnuna alimentari li tingħata lill-iżjed popolazzjonijiet vulnerabbli tkun xierqa, fil-ħin, effettiva, effiċjenti, u bbażata fuq il-bżonnijiet u prinċipji komuni; kif ukoll

(c) tiffaċilita l-qsim tal-informazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, u tipprovdi forum għad-diskussjoni sabiex jittejjeb l-użu effettiv, effiċjenti, u koerenti tar-riżorsi tal-partijiet biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet.

## Artikolu 2

## Prinċipji tal-Għajnuna Alimentari

Il-Partijiet, meta jipprovdu u jwasslu l-għajnuna alimentari lill-iżjed popolazzjonijiet vulnerabbli, dejjem għandhom jaderixxu mal-prinċipji li ġejjin:

(a) Prinċipji ġenerali tal-għajnuna alimentari:

(i) ipprovdi għajnuna alimentari biss meta huwa l-aktar mezz effikaċi u xieraq biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet alimentari jew tan-nutrizzjoni tal-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli;

(ii) ipprovdi għajnuna alimentari, filwaqt li tqis l-objettivi fit-tul tar-riabilitazzjoni u tal-iżvilupp tal-pajjiżi destinatarji, filwaqt li tappoġġja l-għan usa' li tinkiseb is-sigurtà alimentari, fejn xieraq;

(iii) ipprovdi għajnuna alimentari b'mod li tipproteġi l-għajxien u ssaħħaħ l-awtodipendenza u r-reżistenza tal-popolazzjonijiet vulnerabbli, u l-komunitajiet lokali, u tipprevjeni, tħejji għal, ittaffi u tirrispondi għal, kriżijiet tas-sigurtà alimentari;

(iv) ipprovdi għajnuna alimentari b'tali mod li tiġi evitata d-dipendenza u jiġu mminimizzati l-impatti negattivi diretti u indiretti fuq il-benefiċjarji u oħrajn;

(v) ipprovdi għajnuna alimentari b'mod li ma jaffettwax ħażin il-produzzjoni lokali, il-kundizzjonijiet tas-suq, l-istrutturi tal-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ jew il-prezz ta' prodotti essenzjali għal popolazzjonijiet vulnerabbli;

(vi) ipprovdi għajnuna alimentari f'forma li hija għal kollox waħda ta' għotja, kull meta jkun possibbli;

(b) Prinċipji tal-effikaċja fl-għajnuna alimentari:

(i) sabiex jiżdied l-ammont disponibbli biex jintefaq fuq l-għajnuna alimentari għal popolazzjonijiet vulnerabbli u biex tiġi promossa l-effiċjenza, kemm jista' jkun fittex li tnaqqas l-ispejjeż assoċjati;

(ii) attivament fittex li tikkoopera, tikkoordina u taqsam l-informazzjoni biex ittejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tal-programmi tal-għajnuna alimentari, u l-koerenza bejn l-għajnuna alimentari u l-oqsma ta' politika u strumenti relatati;

(iii) ixtri l-ikel u l-komponenti oħra ta' għajnuna alimentari lokalment jew reġjonalment, kull meta possibbli u xieraq;

(iv) dejjem ipprovdi għajnuna alimentari f'forma ta' flus u bla rbit, kull meta possibbli u fuq il-bażi tal-bżonnijiet;

(v) Immonetizza l-għajnuna alimentari biss fejn hemm ħtieġa identifikata li tagħmel hekk, u sabiex ittejjeb is-sigurtà alimentari ta' popolazzjonijiet vulnerabbli; ibbaża l-monetizzazzjoni fuq analiżi tas-suq trasparenti u oġġettiva u evita l-ispostament kummerċjali;

(vi) aċċerta ruħek li l-għajnuna alimentari ma tintużax biex tippromwovi l-għanijiet tal-iżvilupp tas-suq tal-Partijiet;

(vii) evita r-riesportazzjoni tal-għajnuna alimentari sal-limitu massimu possibbli ħlief biex tipprevjeni jew tirreaġixxi għal sitwazzjoni ta' emerġenza; esporta mill-ġdid biss l-għajnuna alimentari b'mod li jevita spostament kummerċjali;

(viii) irrikonoxxi, fejn xieraq, li l-awtoritajiet relevanti jew il-partijiet interessati relevanti għandhom rwol u responsabbilità primarji għall-organizzazzjoni, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-għajnuna alimentari;

(c) Il-prinċipji dwar l-għoti ta' għajnuna alimentari:

(i) immira l-għajnuna alimentari skont il-ħtiġijiet alimentari u tan-nutrizzjoni tal-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli;

(ii) involvi lill-benefiċjarji fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom u fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-għajnuna alimentari, kif ukoll partijiet interessati relevanti oħrajn, fejn xieraq;

(iii) ipprovdi għajnuna alimentari li tissodisfa l-istandards tal-kwalità u tas-sikurezza applikabbli, u li tirrispetta l-użanzi djetetiċi kulturali u lokali u l-ħtiġijiet nutrizzjonali tal-benefiċjarji;

(iv) ħares id-dinjità tal-benefiċjarji tal-għajnuna alimentari;

(d) Prinċipji tar-responsabbiltà tal-għajnuna alimentari:

(i) ħu miżuri xierqa u speċifiċi biex issaħħaħ ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-politiki, programmi u operazzjonijiet tal-għajnuna alimentari;

(ii) immonitorja, evalwa, u kkomunika, fuq bażi regolari u trasparenti, ir-riżultati u l-impatt tal-attivitajiet tal-għajnuna alimentari sabiex jiġu żviluppati aktar l-aħjar prattiċi u tiġi mmassimizzata l-effikaċja tagħhom.

**Artikolu 3**

**Relazzjoni ma' ftehimiet tad-WTO**

Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jidderoga minn kwalunkwe obbligi eżistenti jew futuri tad-WTO applikabbli bejn il-Partijiet. F'każ ta' kunflitt bejn dawn l-obbligi u din il-Konvenzjoni, għandhom jipprevalu tal-ewwel. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jippreġudika l-pożizzjonijiet li Parti tista' tadotta fi kwalunkwe negozjati fid-WTO.

**Artikolu 4**

**Pajjiż Eliġibbli, Popolazzjonijiet Vulnerabbli Eliġibbli, Prodotti Eliġibbli, Attivitajiet Eliġibbli, u Spejjeż Assoċjati**

1. "Pajjiż Eliġibbli" tfisser kwalunkwe pajjiż tal-lista ta' Riċevituri tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tal-Kumitat tal-Assistenza għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD, jew kwalunkwe pajjiż ieħor identifikat fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

2. "Popolazzjonijiet Vulnerabbli Eliġibbli" tfisser popolazzjonijiet vulnerabbli f'kull Pajjiż Eliġibbli.

3. “Prodotti Eliġibbli” tfisser prodotti għall-konsum tal-bniedem li jikkonformaw mal-politiki u l-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti tal-pajjiż tal-operazzjoni, inkluż, kif xieraq, standards internazzjonali applikabbli tas-sikurezza u l-kwalità fl-ikel kif ukoll prodotti li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet alimentari u jiġi mħares l-għajxien f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' rkupru bikri. Il-lista tal-prodotti eliġibbli hija pprovduta fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

4. Attivitajiet Eliġibbli għat-twettiq tal-impenn annwali minimu ta' Parti skont l-Artikolu 5 għandhom ikunu konsistenti mal-Artikolu 1, u għandhom jinkludu mill-inqas l-attivitajiet li ġejjin:

(a) Il-forniment u d-distribuzzjoni ta' Prodotti Eliġibli;

(b) l-għoti ta' flus u vawċers; kif ukoll

(c) interventi nutrizzjonali.

Dawn l-Attivitajiet Eliġibbli huma elaborati aktar fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

5. L-Ispejjeż Assoċjati eliġibbli għat-twettiq tal-impenn annwali minimu ta' Parti skont l-Artikolu 5 għandhom ikunu konsistenti mal-Artikolu 1, u għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż direttament marbutin mal-forniment ta' Attivitajiet Eliġibbli, kif elaborat aktar fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

## Artikolu 5

## Impenn

1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, kull Parti taqbel li tagħmel impenn annwali ta' għajnuna alimentari, stabbilit skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha. L-impenn ta' kull Parti huwa msejjaħ "l-impenn annwali minimu" tagħha.

2. L-impenn annwali minimu għandu jkun espress f'termini ta' valur jew kwantità kif elaborat aktar fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni. Parti tista' tagħżel li tesprimi jew valur minimu jew kwantità minima, jew kombinazzjoni tat-tnejn għall-impenn tagħha.

3. L-impenji annwali minimi f'termini ta' valur jistgħu jiġu espressi fil-munita magħżula mill-Parti. L-impenji annwali minimi f'termini tal-kwantità jistgħu jiġu espressi f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' qamħ jew unitajiet ta' kejl oħra pprovduti taħt ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

4. Kull Parti għandha tinnotifika lis-Segretarjat bl-impenn annwali minimu inizjali tagħha mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, jew fi żmien tliet xhur mill-adeżjoni tagħha ma' dan il-Konvenzjoni.

5. Kull Parti għandha tinnotifika lis-Segretarjat b'kull tibdil fl-impenn annwali minimu tagħha għas-snin sussegwenti mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum ta' Diċembru tas-sena ta' qabel il-bidla.

6. Is-segretarjat għandu jikkomunika l-impenji annwali minimi aġġornati lill-partijiet kollha mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' Jannar ta' kull sena.

7. Kontribuzzjonijiet magħmula biex jintlaħqu l-impenji annwali minimi għandhom isiru għal kollox f'forma ta' għotja kull meta possibbli. Fir-rigward tal-għajnuna alimentari magħduda mat-twettiq tal-impenn ta' Parti, mhux inqas minn 80 fil-mija tal-għajnuna pprovduta lil Pajjiżi Eligibbli u Popolazzjonijiet Vulnerabbli Eliġibbli, kif elaborat aktar fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni, għandhom isiru għal kollox f'forma ta' għotja. Safejn hu possibbli, il-Partijiet għandhom ifittxu li progressivament jaqbżu dan il-perċentwal. Kontribuzzjonijiet li mhumiex magħmula għal kollox f'forma ta' għotja għandu jingħata rendikont tagħhom fir-rapport annwali ta' kull Parti.

8. Il-Partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jwettqu t-tranżazzjonijiet kollha ta' għajnuna alimentari taħt din il-Konvenzjoni b'tali mod li tiġi evitata interferenza dannuża mal-proċessi normali tal-produzzjoni u l-kummerċ internazzjonali.

9. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-forniment tal-għajnuna alimentari ma jkunx marbut direttament jew indirettament, formalment jew informalment, espliċitament jew impliċitament, mal-esportazzjonijiet kummerċjali tal-prodotti agrikoli jew oġġetti u servizzi oħra lejn il-pajjiżi riċevituri.

10. Sabiex tissodisfa l-impenn annwali minimu tagħha, kemm jekk espress f'valur kif ukoll jekk espress fi kwantità, il-Parti għandha tagħmel kontribuzzjonijiet li huma konsistenti ma' din il-Konvenzjoni u li jikkonsistu f'finanzjament għal Prodotti u Attivitajiet Eliġibbli, u Spejjeż Assoċjati, kif stipulat fl-Artikolu 4, u kif elaborat aktar fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

11. Kontribuzzjonijiet provduti biex jintlaħaq l-impenn annwali minimu taħt din il-Konvenzjoni jistgħu biss jiġu diretti lejn Pajjiżi Eliġibbli jew Popolazzjonijiet Vulnerabbli Eliġibbli, kif stipulat fl-Artikolu 4 u kif elaborat aktar fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

12. Il-kontribuzzjonijiet tal-Partijiet jistgħu jiġu pprovduti bilateralment, permezz ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi jew internazzjonali oħra, jew permezz ta' msieħba oħra tal-għajnuna alimentari, iżda mhux permezz ta' Partijiet oħra.

13. Kull Parti għandha tagħmel kull sforz biex tilħaq l-impenn annwali minimu tagħha. Jekk Parti ma tkunx kapaċi tilħaq l-impenn annwali minimu tagħha għal sena partikolari, għandha tiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tan-nuqqas tagħha li tagħmel dan fir-rapport annwali tagħha għal dik is-sena. L-ammont mhux imwettaq għandu jiżdied mal-impenn annwali minimu tal-Parti għas-sena ta' wara sakemm il-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 7 ma jiddeċidix mod ieħor, jew sakemm ċirkostanzi straordinarji ma jiġġustifikawx li dan ma jsirx.

14. Jekk il-kontribut ta' Parti jaqbeż l-impenn annwali minimu tagħha, l-ammont tal-eċċess, iżda mhux aktar minn ħamsa fil-mija tal-impenn annwali minimu tagħha, jista' jingħadd bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Parti għas-sena ta' wara.

## Artikolu 6

## Rappurtar Annwali u Qsim tal-Informazzjoni

1. Fi żmien disgħin jum wara t-tmiem tas-sena kalendarja, kull Parti għandha tipprovdi rapport annwali, skont ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni, lis-Segretarjat, bid-dettalji dwar kif tkun issodisfat l-impenn annwali minimu tagħha taħt din il-Konvenzjoni.

2. Dan ir-rapport annwali għandu jkollu komponent ta' narrativa li jista' jinkludi informazzjoni dwar kif il-politiki, programmi u operazzjonijiet tal-għajnuna alimentari tal-parti kkontribwixxew għall-objettivi u l-prinċipji ta' din il-Konvenzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom, fuq bażi regolari, jiskambjaw informazzjoni dwar il-politiki u l-programmi ta' għajnuna alimentari tagħhom u r-riżultati tal-valutazzjonijiet tagħhom ta' dawn il-politiki u l-programmi.

## Artikolu 7

## Kumitat għall-Għajnuna Alimentari

1. Kumitat għall-Għajnuna Alimentari ("il-Kumitat"), li jikkonsisti fil-Partijiet kollha għal din il-Konvenzjoni, huwa b'dan stabbilit.

2. Il-Kumitat għandu jieħu d-deċiżjonijiet fis-sessjonijiet formali tiegħu u jwettaq il-funzjonijiet li huma meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni skont il-prinċipji u l-objettivi tal-Konvenzjoni.

3. Il-Kumitat għandu jadotta regoli li jirregolaw il-proċedimenti tiegħu; jista' wkoll jadotta regoli li jelaboraw aktar id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni biex jiżgura li jkunu implimentati sew. Id-dokument FAC(11/12) 1 – 25 April 2012 tal-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari tal-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari 1999 għandu jservi bħala r-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni inizjali għal din il-Konvenzjoni. Il-Kumitat jista' sussegwentement jiddeċiedi li jimmodifika dawk ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

4. Il-Kumitat għandu jieħu d-deċiżjonijiet b'kunsens, li jfisser li l-ebda Parti ma topponi formalment id-deċiżjoni proposta tal-Kumitat dwar materja taħt diskussjoni f'sessjoni formali. L-oppożizzjoni formali tista' sseħħ jew fis-sessjoni formali jew fi żmien tletin jum wara ċ-ċirkolazzjoni tal-minuti ta' sessjoni formali li jirreġistraw id-deċiżjonijiet proposti kkonċernati.

5. Għal kull sena, is-Segretarjat għandu jipprepara rapport sommarju għall-Kumitat, li għandu jiġi mfassal, adottat u ppubblikat, skont ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

6. Il-Kumitat għandu jipprovdi forum għad-diskussjoni bejn il-Partijiet rigward il-kwistjonijiet tal-għajnuna alimentari, bħall-bżonn li jiġu mmobilizzati impenji ta' riżorsi xierqa u fil-ħin biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet alimentari u tan-nutrizzjoni, speċjalment f'sitwazzjonijiet speċifiċi ta' emerġenza u ta' kriżi. Għandu jiffaċilita l-qsim u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni lill-Partijiet interessati l-oħra, u għandu jikkonsulta magħhom u jirċievi informazzjoni mingħandhom sabiex jappoġġja d-diskussjonijiet tiegħu.

7. Kull Parti għandha tinnomina rappreżentant biex jirċievi notifiki u komunikazzjonijiet oħra mingħand is-Segretarjat.

## Artikolu 8

## President u Viċi-President tal-Kumitat

1. Fl-aħħar sessjoni formali li ssir f'kull sena, il-Kumitat għandu jiddeċiedi fuq President u Viċipresident għas-sena ta' wara.

2. Il-President għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

   (a) li japprova l-abbozz tal-aġenda għal kull sessjoni formali jew laqgħa informali;

   (b) li jippresjedi waqt is-sessjonijiet formali jew laqgħat informali;

   (c) li jiftaħ u jagħlaq kull sessjoni formali jew laqgħa informali;

   (d) li jissottometti l-abbozz tal-aġenda lill-Kumitat għall-adozzjoni fil-bidu ta' kull sessjoni formali jew laqgħa informali;

   (e) li jmexxi d-diskussjonijiet u jiżgura li l-proċeduri speċifikati fir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni jiġu osservati;

   (f) li jistieden lill-Partijiet sabiex jitkellmu;

   (g) li jiddeċiedi dwar il-punti ta' ordni, b'konformità mar-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni relevanti; kif ukoll

   (h) li jistaqsi mistoqsijiet u jħabbar deċiżjonijiet.

3. Jekk il-President ikun nieqes minn sessjoni formali jew laqgħa informali sħiħa jew parti minnha, jew ikun jinsab temporanjament inkapaċi li jaqdi d-dmirijiet ta' President, il-Viċi-President għandu jaġixxi bħala President. Fin-nuqqas tal-President u l-Viċi-President, il-Kumitat għandu jaħtar President temporanju.

4. Jekk, għal xi raġuni, il-President ma jkunx jista' jkompli jwettaq id-dmirijiet ta' President, il-Viċi-President għandu jsir President sa tmiem is-sena.

## Artikolu 9

## Sessjonijiet Formali u Laqgħat Informali

1. Il-Kumitat għandu jorganizza sessjonijiet formali u laqgħat informali skont ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

2. Il-Kumitat għandu jorganizza għall-inqas sessjoni formali waħda fis-sena.

3. Il-Kumitat għandu jorganizza sessjonijiet formali u laqgħat informali addizzjonali fuq talba tal-President jew fuq talba ta' mill-inqas tlieta mill-Partijiet.

4. Il-Kumitat jista' jistieden osservaturi u Partijiet interessati relevanti li jkunu jixtiequ jiddiskutu materji partikolari relatati mal-għajnuna alimentari biex jattendu s-sessjonijiet formali jew laqgħat informali tiegħu skont ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

5. Il-Kumitat għandu jiltaqa’ f'post determinat skont ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

6. L-aġenda għal sessjonijiet formali u laqgħat informali għandha tiġi żviluppata skont ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni.

7. Il-minuti ta' sessjoni formali, li għandhom jinkludu kull deċiżjoni proposta tal-Kumitat, għandhom jiġu ċċirkolati sa tletin jum wara s-sessjoni formali.

## Artikolu 10

## Segretarjat

1. Il-Kumitat għandu jinnomina Segretarjat u jitlob is-servizzi tiegħu, skont ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni. Il-Kumitat għandu jitlob mingħand il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali (KIĊ) li s-segretarjat tiegħu jaġixxi bħala s-segretarjat inizjali għall-Kumitat.

2. Is-Segretarjat għandu jwettaq id-dmirijiet li huma stipulati f'din il-Konvenzjoni u r-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni, iwettaq id-dmirijiet amministrattivi kollha, inkluż l-ipproċessar u d-distribuzzjoni ta' dokumenti u rapporti, u jwettaq funzjonijiet oħra identifikati mill-Kumitat.

## Artikolu 11

## Riżoluzzjoni tat- Tilwim

Il-Kumitat għandu jfittex li jirrisolvi kwalunkwe kwistjoni bejn il-Partijiet li tirrigwarda l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni jew ir-Regoli tal-Proċedura u l-Implimentazzjoni, inkluż kwalunkwe pretensjoni ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti f'din il-Konvenzjoni.

## Artikolu 12

## Firma u Ratifika, Aċċettazzjoni jew Approvazzjoni,

Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-firma mill-Arġentina, l-Awstralja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, il-Kanada, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, l-Ungerija, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju tal-Isvezja, il-Konfederazzjoni Svizzera, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq, u l-Istati Uniti tal-Amerika, fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York mill-11 ta' Ġunju 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012. Din il-Konvenzjoni għandha tkun soġġetta għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni minn kull wieħed mill-Firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mad-Depożitarju.

## Artikolu 13

## Adeżjoni

1. Kwalunkwe Stat elenkat fl-Artikolu 12 li ma jkunx iffirma din il-Konvenzjoni sa tmiem il-perjodu għall-iffirmar, jew l-Unjoni Ewropea jekk ma tkunx iffirmat sa dak iż-żmien, jista' jaderixxi għaliha fi kwalunkwe żmien wara dak il-perjodu. L-istrumenti tal-adeżjoni għandhom ikunu ddepożitati mad-Depożitarju.

2. Ladarba din il-Konvenzjoni tkun daħlet fis-seħħ skont l-Artikolu 15, hija għandha tkun miftuħa għall-adeżjoni minn kwalunkwe Stat li mhux imsemmi fl-Artikolu 12 jew minn Territorji Separati tad-Dwana li jippossjedu l-awtonomija sħiħa fil-kondotta tar-relazzjonijiet kummerċjali esterni tagħhom li jitqiesu eliġibbli b'deċiżjoni tal-Kumitat. L-istrumenti tal-adeżjoni għandhom ikunu ddepożitati mad-Depożitarju.

## Artikolu 14

## Notifika tal-Applikazzjoni Provviżorja

Kull Stat imsemmi fl-Artikolu 12, jew l-Unjoni Ewropea, li bi ħsiebu jirratifika, jaċċetta, jew japprova din il-Konvenzjoni jew jaċċedi għaliha, jew kwalunkwe Stat jew Territorju Doganali Separat meqjus eliġibbli taħt l-Artikolu 13(2) għall-adeżjoni b'deċiżjoni tal-Kumitat iżda li ma jkunx għadu ddepożita l-istrument tiegħu, jista' fi kwalunkwe żmien jiddepożita notifika tal-applikazzjoni provviżorja ta' din il-Konvenzjoni mad-Depożitarju. Il-Konvenzjoni għandha tapplika provviżorjament għal dak l-Istat, Territorju Doganali Separat, jew l-Unjoni Ewropea mid-data tad-depożitu tan-notifika tagħhom.

## Artikolu 15

## Dħul fis-seħħ

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 2013 jekk sat-30 ta' Novembru 2012 ħames Firmatarji jkunu ddepożitaw l-istrumenti tar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

2. Jekk din il-Konvenzjoni ma tidħolx fis-seħħ skont il-paragrafu 1, il-Firmatarji ta' din il-Konvenzjoni li jkunu ddepożitaw l-istrumenti tan-notifka, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni, u l-Istati jew l-Unjoni Ewropea li jkunu ddepożitaw strumenti ta' adeżjoni skont l-Artikolu 13(1) jistgħu jiddeċiedu b'kunsens unanimu li hija għandha tidħol fis-seħħ bejniethom.

3. Għal kull Stat jew Territorju Doganali Separat, jew l-Unjoni Ewropea, li jirratifikaw, jaċċettaw, japprovaw jew jaderixxu mal-Konvenzjoni wara li l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tad-depożitu tal-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni, jew adeżjoni tagħhom.

## Artikolu 16

## Proċedura ta' Valutazzjoni u Emenda

1. Fi kwalunkwe żmien wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, Parti tista' tipproponi valutazzjoni tar-relevanza ta' din il-Konvenzjoni jew tipproponi emendi għaliha. Kwalunkwe emendi proposti għandhom jiġu ċċirkolati mis-Segretarjat lill-Partijiet kollha mill-inqas sitt xhur bil-quddiem u diskussi fis-sessjoni formali li jkun imiss tal-Kumitat wara t-tmiem tal-perjodu tal-avviż.

2. Proposti għal emendi għal din il-Konvenzjoni għandhom ikunu adottati b'deċiżjoni tal-Kumitat. Is-Segretarjat għandu jikkomunika lill-Partijiet kollha, u lid-Depożitarju, kwalunkwe proposta għal emenda adottata mill-Kumitat. Id-Depożitarju għandu jqassam kwalunkwe emenda adottata lill-Partijiet kollha.

3. In-notifika ta' aċċettazzjoni ta' emenda għandha tintbagħat lid-Depożitarju. Emenda adottata għandha tidħol fis-seħħ għal dawk il-Partijiet li jkunu bagħtu dik in-notifika, disgħin jum wara d-data li fiha d-Depożitarju jkun irċieva tali notifiki minn mhux inqas minn erba' minn ħamsa mill-għadd ta' Partijiet għal din il-Konvenzjoni fid-data tal-adozzjoni tal-emenda proposta mill-Kumitat. Tali emenda għandha tidħol fis-seħħ għal kwalunkwe Parti oħra disgħin jum wara li dik il-Parti tiddepożita n-notifika tagħha mad-Depożitarju. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li għandu jintuża limitu minimu differenti għan-numru ta' notifiki meħtieġa biex jiskatta d-dħul fis-seħħ ta' emenda speċifika. Is-segretarjat għandu jikkomunika din id-deċiżjoni lill-Partijiet kollha u lid-Depożitarju.

## Artikolu 17

## Irtirar u Terminazzjoni

1. Kull Parti tista' tirtira minn din il-Konvenzjoni fl-aħħar ta' kull sena billi tagħti avviż bil-miktub tal-irtirar lid-Depożitarju u lill-Kumitat mill-inqas disgħin ġurnata qabel it-tmiem ta' dik is-sena. Dik il-Parti ma tkunx meħlusa mill-impenn annwali minimu tagħha jew l-obbligi tar-rappurtar stipulati minn din il-Konvenzjoni, waqt li kienet Parti, li ma tkunx wettqet sa tmiem dik is-sena.

2. Fi kwalunkwe żmien wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, Parti tista' tipproponi t-tmiem ta' din il-Konvenzjoni. Tali proposti għandhom ikunu kkomunikati bil-miktub lis-Segretarjat u għandhom jiġu ċċirkolati minnu lill-Partijiet kollha mill-inqas sitt xhur qabel jiġu kkunsidrati mill-Kumitat.

## Artikolu 18

## Depożitarju

1. Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti huwa maħtur bħala d-Depożitarju ta' din il-Konvenzjoni.

